# Werrej


| | |
|---|---|
| 1. L-Alfabett | 6 |
| 2. L-Artiklu | 12 |
| 3. L-Artiklu u l-Prepożizzjonijiet | 16 |
| 4. In-Nom | 20 |
| 5. Il-Ġens u l-Plural | 28 |
| 6. L-Aġġettiv | 36 |
| 7. Il-Verb | 44 |
| 8. Il-Konjugazzjoni tal-Verb | 53 |
| 9. Il-Mamma u l-Għerq | 61 |

# Qabel tibda taħdem ... ftit informazzjoni fuq il-ktieb.

Dan il-ktieb huwa ktieb prattiku u sempliċi b'eżerċizzji differenti tal-grammatika. Uħud minnhom huma ħfief u wħud jirrikjedu ftit iktar ħsieb. B'kollox jittratta disa' punti tal-grammatika li huma:

- l-alfabett
- l-artiklu
- l-artiklu u l-prepożizzjonijiet
- in-nom
- il-ġens u l-plural
- l-aġġettiv
- il-verb
- il-konjugazzjoni tal-verb
- il-mamma u l-għerq

L-ispjegazzjoni ta' kull punt grammatikali tista' ssibha fil-ktieb 1.mt u tista' wkoll taraha fil-kuntest jew aħjar fl-istejjer li jkun hemm fl-istess taqsima. Dan il-ktieb għandu jgħinek fit-taħriġ grammatikali li huwa komponent importanti f'kull lingwa.

Fost l-eżerċizzji li se tiltaqa' magħhom f'dan il-ktieb hemm:

- Imla l-vojt
- Agħżel il-kelma t-tajba
- Għaqqad flimkien
- Aqra u mmarka t-tajba
- Aħseb u ikteb

It-tweġibiet tista' tweġibhom fuq il-ktieb stess jew inkella fuq il-karti tal-fajl tal-Malti. Tista' tweġibhom waħdek jew ma' sħabek. Tista' titlob l-għajnuna tal-ġenituri jew tal-għalliema. Tista' tweġibhom kollha jew inkella twieġeb biss ftit minnhom. Dan kollu jiddependi minnek u minn kemm għandek għal qalbek il-grammatika Maltija. Nista' nassigurak li mhuwiex ktieb li se jdejqek. U naħseb li malli tibda taħdem, ma tkunx trid titilqu minn idejk!

**Clare Azzopardi**

# 1. L-Alfabett

**1. Oħroġ kelma li tibda b'kull ittra tal-kelma ALFABETT.**

| | |
|---|---|
| A | *Anġlu* |
| L | |
| F | |
| A | |
| B | |
| E | |
| T | |
| T | |

**2. Imla l-vojt bl-alfabett.**



**3. Għandek ftit ħin? Mela fittex il-kliem li hemm moħbi fil-gradilja u iktbu skont l-ordni alfabetiku fl-ispazju li hemm taħt.**

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| i | n | f | o | r | m | a | z | z | j | o | n | i | ż | v | b | n | p | għ | u |
| q | w | e | r | t | u | i | o | p | ie | z | o | k | k | q | o | f | a | f | n |
| ġ | l | ħ | o | k | j | h | g | f | d | r | s | a | n | w | s | m | s | b | i |
| n | t | q | r | f | w | q | i | o | w | t | z | w | i | ċ | ċ | g | m | w | v |
| ie | o | p | a | u | e | a | ħ | e | ħ | ie | b | e | s | u | m | n | a | s | e |
| i | j | l | ġ | l | g | r | ċ | r | f | s | d | a | j | r | t | h | ċ | o | r |
| h | e | n | a | e | b | r | r | e | b | b | ie | għ | a | ċ | s | a | d | q | s |
| m | d | t | e | ħ | a | s | d | o | f | g | h | b | n | m | p | u | n | t | a |
| d | q | ie | w | f | r | r | l | q | v | a | p | u | r | x | e | għ | b | a | r |
| f | p | q | s | e | u | t | o | z | ie | i | g | m | ġ | j | t | ċ | v | ie | g |
| q | w | j | ħ | i | ġ | j | k | f | r | q | j | ċ | p | x | t | ż | x | p | u |
| l | s | ie | n | l | k | i | u | ż | e | a | w | a | m | w | u | d | n | o | m |
| p | n | n | għ | a | p | r | b | g | w | s | m | j | ġ | v | r | ħ | a | l | e |
| m | o | l | ħ | j | r | ie | f | a | ż | k | v | t | q | d | w | x | n | a | n |
| ġ | h | j | m | r | b | s | m | g | k | e | p | a | ċ | x | s | p | n | k | t |
| f | z | k | i | h | f | ie | h | k | s | f | j | ġ | ħ | i | e | d | u | j | ie |
| d | a | l | s | w | l | f | ħ | v | d | n | k | j | x | v | z | m | i | h | q |
| a | k | ż | t | l | s | ż | r | w | i | ċ | i | s | e | p | ħ | i | x | g | w |
| x | f | b | a | b | r | f | w | d | a | s | t | ż | a | r | b | u | n | f | v |
| ċ | d | għ | x | e | v | ġ | e | l | a | t | u | i | għ | j | i | o | s | d | a |

a *rgument*_________
b_______________
ċ_______________
d_______________
e_______________
f_______________
ġ_______________
g_______________
għ______________
h_______________
ħ_______________

i_______________
ie______________
j_______________
k_______________
l_______________
m_______________
n_______________
o_______________
p_______________
q_______________
r_______________

s_______________
t_______________
u_______________
v_______________
w_______________
x_______________
ż_______________
z_______________